# Il-Wieħed u Tletin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Isma', O Iżrael: Ħobb lill-Mulej b'qalbek kollha.*

Dewt 6, 2-6

**Qari mill-Ktieb tad-Dewteronomju**

Mosé kellem lill-poplu u qal: 2«Ibża' mill-Mulej, Alla tiegħek, billi int,
ibnek u bin ibnek, tħarsu dejjem il-liġijiet u l-kmandamenti kollha
tiegħu, li jien qiegħed nagħtik, biex ikollok għomor twil.

3Isma', o Iżrael, u ħu ħsieb agħmilhom, biex ikollok il-ġid u toktor
ħafna, bħalma wiegħed il-Mulej, Alla ta' missirijietek, li jagħtik art
tnixxi ħalib u għasel.

4Isma', o Iżrael: Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu. 5Ħobb, mela,
lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek
kollha. 6Żomm f'qalbek dan il-kliem u dawn il-kmandamenti li
qiegħed nagħtik illum.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 17, 2-3a.3bċ-4.47.51ab

R/. (2): Inħobbok, Mulej, qawwa tiegħi!

2 Inħobbok, Mulej, qawwa tiegħi!
3 Il-Mulej blata tiegħi,
fortizza u ħellies tiegħi! R/.

Alla tiegħi, sur tal-kenn tiegħi u tarka tiegħi,
qawwa tas-salvazzjoni tiegħi u kenn tiegħi!
4 Insejjaħ il-Mulej, li hu ta’ min ifaħħru,
u nkun meħlus mill-għedewwa tiegħi. R/.

47 Ħaj il-Mulej! Imbierek hu, il-blata tiegħi!
Ikun imfaħħar Alla tas-salvazzjoni tiegħi!
51 Hu jkabbar ir-rebħ lis-sultan tiegħu,
juri mħabbtu mal-midluk tiegħu. R/.

# Qari II

*Ġesù għandu saċerdożju li ma jintemm qatt.*

Lhud 7, 23-28

**Qari mill-Ittra lil-Lhud**

Ħuti, [23]dawk tal-imgħoddi kienu jsiru qassisin f'għadd kbir, għax
minħabba fil-mewt ma kinux jistgħu jibqgħu għal dejjem. [24]Imma
Ġesù, billi jibqa' għal dejjem, għandu saċerdozju li ma jintemm qatt.
[25]Għalhekk ukoll huwa jista' jsalva għalkollox 'il dawk li bih jersqu
lejn Alla, ladarba hu jibqa' għal dejjem ħaj biex jidħol għalihom.

[26]Dan hu, tabilħaqq, il-qassis il-kbir li kien jgħodd għalina: qaddis,
innoċenti, safi, maqtugħ mill-midinbin, merfugħ 'il fuq
mis-smewwiet; [27]li ma għandux bżonn, bħall-qassisin il-kbar
l-oħra, joffri kuljum is-sagrifiċċju, l-ewwel għad-dnubiet tiegħu
stess, imbagħad għad-dnubiet tal-poplu. Dan hu għamlu darba għal
dejjem, meta offra lilu nnifsu.

[28]Għax il-Liġi tqiegħed bħala qassisin il-kbar bnedmin li huma
dgħajfa; iżda l-kelma tal-ġurament, li ġiet wara l-Liġi, tqiegħed Iben,
li ġie magħmul perfett għal dejjem.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 14, 23

Hallelujah. R/. Hallelujah
Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, jgħid Ġesù,
u Missieri jħobbu u aħna niġu u ngħammru għandu.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Il-kmandament tal-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu.*

Mk 12, 28b-34

**Qari mill-Evanġelju skont San Mark**

F'dak iż-żmien, wieħed mill-kittieba resaq fuq Ġesù u staqsieh:
28«Liema wieħed fost il-kmandamenti kollha huwa l-ewwel?»

29Ġesù wieġbu: «L-ewwel wieħed huwa dan: Isma' Iżrael! Il-Mulej,
Alla tagħna, Mulej wieħed hu, 30u int għandek tħobb lill-Mulej, Alla
tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, b'moħħok kollu, u
bil-qawwa tiegħek kollha. 31U t-tieni hu dan: Ħobb lil għajrek
bħalek innifsek. Ma hemmx kmandament ieħor akbar minn dawn.»

32Qallu l-kittieb: «Sewwa qiegħed tgħid, Mgħallem; għandek raġun
tgħid li wieħed hemm, u li ma hemmx ieħor ħliefu. 33Iva, li tħobb
lilu b'qalbek kollha, b'moħħok kollu, u bil-qawwa tiegħek kollha, u
li tħobb lil għajrek bħalek innifsek, huwa aqwa minn kull sagrifiċċju
tal-ħruq u mis-sagrifiċċji kollha.»

34Ġesù, meta rah kemm kien wieġeb bil-għaqal, qallu: «M'intix
'il bogħod mis-Saltna ta' Alla.» U ħadd ma kellu l-ħila jistaqsih iżjed.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu